Qala	Art msejha 'tal-Halq' tal-kejl ta' 1257m.k.	Attard John	37832G	910/03 Gozo
Qala	*Land known as 'tal-Halq' covering an area of 1257s.m.*	*Attard John*	37832G	
Qala	Art msejha 'ta' Natal' tal-kejl ta' 175.8m.k.	Rapa Janet	539273M	941/03 Gozo
Qala	*Land known as 'ta' Natal' covering an area of 175.8s.m.*	*Rapa Janet*	*539273M*	
Qala	Zewg kmamar bil-giardina annessa fi Triq il-Mithna	Xerri Margaret	100845G	847/03 Gozo
Qala	*Two rooms with annexed yard in Triq il-Mithna*	*Xerri Margaret*	*100845G*	
Qala	Korrezzjoni ta' LRA G 904/97 – L-Arja sovrastanti garages fi Triq it-Tempju tal-kejl ta' 152m.k. peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Camilleri Shawn Pierre		820/03 Gozo
Qala	*Correction on LRA G 904/97 – Airspace overlying garages in Triq it-Tempju covering an area of 152s.m. as wrong application was submitted*	*Camilleri Shawn Pierre*		
Qala	Raba' msejha 'Ta' Ruba' sive 'tal-Gharaba' tal-kejl ta' 3603m.k.	Xerri Giuseppe	32723G	56/04 Gozo
Qala	*Land known as 'Ta' Ruba' sive 'tal-Gharaba' covering an area of 3603s.m.*	*Xerri Giuseppe*	*32723G*	
Qala	Mezzanin bl-arja tieghu sovrapost ghall-fond ta' proprjeta ta' l-Awtorita Nru 11 fi Triq il-Magistrat S Attard tal-kejl ta' 147m.k.	Portelli Andrew John Albert u Meilak Mary Carmen	519994M u 13082G	59/04 Gozo
Qala	*Premises with its airspace overlying another Authority Property No 11 in Triq il-Magistrat S Attard covering an area of 147s.m.*	*Portelli Andrew John Albert and Meilak Mary Carmen*	*519994M and 13082G*	
Qala	Garage sottopost fond ta' proprjeta ta' l-Awtorita Nru 11 fi Triq il-Magistrat S Attard tal-kejl ta' 18m.k.	Portelli Andrew John Albert u Meilak Mary Carmen	519994M u 13082G	60/04 Gozo
Qala	*Garage overlying another Authority premises No 11 in Triq il-Magistrat S Attard covering an area of 18s.m.*	*Portelli Andrew John Albert and Meilak Mary Carmen*	*519994M and 13082G*	
Qala	Djar Nru 20 b'zewg bibien fi Triq in-Nadur Nru 11 u 12 fi Triq San Guzepp	Musu' Victor u Musu' Mary Josephine	303965M u 32863G	83/04 Gozo
Qala	*House No 20 and other 2 doors in Triq in-Nadur No 11 and 12 in Triq San Guzepp*	*Musu' Victor and Musu' Mary*	*303965M and 32863G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala	½ indiviz ta' art msejha 'tal-Wileg' tal-kejl ta' 1176m.k.	Vella Jane et		92/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of land known as 'tal-Wileg' covering an area of 1176s.m.*	*Vella Jane et*		
Qala	½ indiviz ta' porzjon art msejha 'Ta' Grunju' tal-kejl ta' 314.9m.k.	Abela Maria Antonia et	22047G	164/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of a portion of land known as 'Ta' Grunju' covering an area of 314.9s.m.*	*Abela Maria Antonia et*	*22047G*	
Qala	1/7 parti indiviza ta' bicca raba' msejha 'Tas-Semper' limiti ta' Triq Wied Simar tal-kejl ta' 238m.k.	Buttigieg Saviour sive Sunny et	7956G	186/04 Gozo
Qala	*1/7 undivided part of a portion of land known as 'Tas-Semper' limitis of Triq Wied Simar covering an ara of 238s.m.*	*Buttigieg Saviour sive Sunny et*	*7956G*	
Qala	Raba' msejha 'Tal-Qortin' tal-kejl ta' 6056m.k.	Pisani Joseph u martu Pisani Rose	47351G u 16751G	194/04 Gozo
Qala	*Land known as 'Tal-Qortin' covering an area of 6056s.m.*	*Pisani Joseph and his wife Pisani Rose*	*47351G u 16751G*	
Qala	Art msejha 'Ta' Grunju' tal-kejl ta' 430m.k.	Camilleri Michelina	72414G	195/04 Gozo
Qala	*Land known as 'Ta' Grunju' covering an area of 430s.m.*	*Camilleri Michelina*	*72414G*	
Qala	½ indiviz ta' Flat 3 Corona Flats Block A fi Triq iz-Zewwieqa	Frondelli Rosemarie u Mifsud Michael		208/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of Flat 3 Corona Flats Block A in Triq iz-Zewwieqa*	*Frondelli Rosemarie and Mifsud Michael*		
Qala	Art msejha 'Ta' Wied Biljun' tal-kejl ta' 59m.k.	Tabone Pawla	35538G	224/04 Gozo
Qala	*Land known as 'Ta' Wied Biljun' covering an area of59s.m.*	*Tabone Pawla*	*35538G*	
Qala	Fond Nru 27 Triq in-Nigret/Triq Anton Buttigieg	Theuma Joseph	2668G	229/04 Gozo
Qala	*Premises No 27 Triq in-Nigret/Triq Anton Buttigeig*	*Theuma Joseph*	*2668G*	
Qala	Art msejha 'Tal-Gebla l-Wieqfa' tal-kejl ta' 214.57m.k.	Attard John	26475G	241/01 Gozo
Qala	*Land known as 'Tal-Gebla l-Wieqfa' covering an area of 214.57s,m,*	*Attard John*	*26475G*	
Qala	½ indiviz mid-dar Nru 206 fi Triq il-Wardija tal-kejl ta' 90.5m.k.	Portelli Joseph et		246/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of House No 206 in Triq il-Wardija covering an area of 90.5s.m.*	*Portelli Joseph et*		
Qala	½ indiviz mill-art msejha 'Ta' Ruba' tal-kejl ta' 81m.k.	Portelli Joseph et		247/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of land known as 'ta' Ruba' covering an area of 81s.m.*	*Portelli Joseph et*		
Qala	½ indiviz mill-art msejha 'Ta' Ruba' tal-kejl ta' 548.5m.k.	Portelli Joseph et		248/04 Gozo
Qala	*½ undivided share of land known as 'Ta' Ruba' covering an area of 548.5s.m.*	*Portelli Joseph et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Qala	½ indiviz ta' art msejha 'Ta' Ruba' tal-kejl ta' 1072.03m.k.	Portelli Joseph et		
Qala	*½ undivided share of land known as 'Ta' Ruba' covering an area of 1072.03s.m.*	*Portelli Joseph et*		
Qala	Dar fi Sqaq fi Triq il-Wileg	Ta' Frenc Real Estate Limited	C 9220	257/04 Gozo
Qala	*House in alley in Triq il-Wileg*	*Ta' Frenc Real Estate Limited*	*C 9220*	
Qala	Dar bl-isem 'Our Dream' fi Triq Grunju	Muscat Geoffrey	69488M	259/04 Gozo
Qala	*House known as 'Our Dream' in Triq Grunju*	*Muscat Geoffrey*	*69488M*	
Qala	¼ indiviz ta' ¼ indiviz mill-Art msejha 'Ta' Kusbejja' tal-kejl ta' 7999m.k.	Formosa Georgia et	76530G	239/04 Gozo
Qala	*¼ undivided share of ¼ undivided share from the land known as 'Ta' Kusbejja' covering an area of 7999s.m.*	*Formosa Georgia et*	*76530G*	
Rabat, Ghawdex	Dar 156 u 157 fi Trejqet ix-Xaghri	Mercieca Joseph et	3062G	892/03 Gozo
Rabat, Ghawdex	*House 156 and 157 in Trejqet ix-Xaghri*	*Mercieca Joseph et*	*3062G*	
Rabat, Ghawdex	Art tal-kejl ta' 430m.k.	Gvern ta' Malta		897/03 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Land covering an area of 430s.m.*	*Government of Malta*		
Rabat, Ghawdex	Korrezzjoni ta' LRA 120/03 – art msejha 'Gnien is-Sultan' tal-kejl ta' 330m.k. peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Gvern ta' Malta		898/03 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Corretion on LRA 120/03 – Land known as 'Gnien is-Sultan' covering an area of 330s.m. as wrong application was submited*	*Government of Malta*		
Rabat, Ghawdex	Dar fi Triq il-Papa Gwanni Pawlu II	Azzopardi Salvina	35626G	64/04 Gozo
Rabat, Ghawdex	*House in Triq il-Papa Gwanni Pawlu II*	*Azzopardi Salvina*	*35626G*	
Rabat, Ghawdex	Art msejha 'Ta' Cikment' fi Triq Gedrin tal-kejl ta' 142m.k.	Saliba Rose u Saliba Michael	33865G u 168G	74/04 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Land known as 'Ta' Cikment' in Triq Gedrin covering an area of 142s.m.*	*Saliba Rose and Saliba Michael*	*33865G and 168G*	
San Lawrenz	Korrezzjoni ta' LRA 202/98 – Art msejha 'Tat-Torri' tal-kejl ta' 1026m.k. peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Dr Carmelo Grima et		648/03 Gozo
San Lawrenz	*Correction on LRA 202/98 – Land known as 'Tat-Torri' covering an area of 1026s.m. as wrong application was submitted*	*Dr Carmelo Grima et*		
San Lawrenz	Art msejha 'Tal-Port' sive 'ta' Gerex' tal-kejl ta' 657m.k.	Mintoff Carmel et	61552G	855/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'Tal-Port' sive 'ta' Gerex' covering an area of 657s.m.*	*Mintoff Carmel et*	*61552G*	
San Lawrenz	Art msejha 'Tal-Port' sive 'Ta' Gerex' tal-kejl ta' 500m.k.	Mintoff Carmel et	61552G	856/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'Tal-Port' sive 'Ta' Gerex' covering an area of 500s.m.*	*Mintoff Carmel et*	*61552G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Lawrenz	Art msejha 'tal-Gonna' tal-kejl ta' 1144m.k.	Grech Francesca et	24827G	912/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'tal-Gonna' covering an area of 1144s.m.*	*Grech Francesca et*	*24827G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' art msejha 'Tal-Gonna' tal-kejl ta' 250m.k.	Grech Francesca et	24827G	916/03 Gozo
San Lawrenz	*1/5 undivided share of land known as 'tal-Gonna' covering an area of 250s.m.*	*Grech Francesca et*	*24827G*	
San Lawrenz	Art msejha 'tal-Gonna' tal-kejl ta' 1398m.k.	Farrugia Anthony et	53248G	942/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'tal-Gonna' covering an area of 1398s.m.*	*Farrugia Anthony et*	*53248G*	
San Lawrenz	Art msejha 'ta' Xrejjah' tal-kejl ta' 3475m.k.	Farrugia Anthony et	53248G	945/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'Ta' Xrejjah' covering an area of 3475s.m.*	*Farrugia Anthony et*	*53248G*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' l-art msejha 'tal-Gonna' tal-kejl ta' 2560m.k.	Sultana Grace u Sultana Dun Frangisk	65634G u 55056G	1/04 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of land known as 'Tal-Gonna' covering an area of 2560s.m.*	*Sultana Grace and Sultana Dun Frangisk*	*65634G and 55056G*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' l-art msejha 'Tal-Qortin' tal-kejl ta' 986m.k.	Sultana Grace u Sultana Dun Frangisk	65634G u 55056G	15/04 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of land known as 'Tal-Qortin' covering an area of 986s.m.*	*Sultana Grace and Sultana Dun Frangisk*	*65634G and 55056G*	
San Lawrenz	1/3 indiviz ta' l-art msejha 'tax-Xatba' tal-kejl ta' 420m.k.	Sultana Grace u Sultana Dun Frangisk	65634G u 55056G	16/04 Gozo
San Lawrenz	*1/3 undivided share of land known as 'tax-Xatba' covering an area of 420s.m.*	*Sultana Grace and Sultana Dun Frangisk*	*65634G and 55056G*	
San Lawrenz	Art msejha 'Il-Midra' tal-kejl ta' 2250m.k.	Attard John	54762G	939/03 Gozo
San Lawrenz	*Land known as 'Il-Midra' covering an area of 2250s.m.*	*Attard John*	*54762G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' 1/6 indiviz ta' 1/3 indiviz u 1/5 inidiviz ta' 1/3 indiviz tad-Dar Nru 15 Triq Wied Merill	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	215/04 Gozo
San Lawrenz	*1/5 undivided share of 1/6 undivided share of 1/3 undivided share and 1/5 undivided share of 1/3 undivided share of House No 15 Triq Wied Merill*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	1/6 indiviz ta' art msejha 'Tal-Wied ta' Piskru' tal-kejl ta' 1180m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	216/04 Gozo
San Lawrenz	*1/6 undivided share of land known as 'Tal-Wied t a' Piskru' covering an area of 1180s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	¼ indiviz ta' art msejha 'ta' Wied Mans' tal-kejl ta' 1400m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	217/04 Gozo
San Lawrenz	*¼ undivided share of a portion of land known as 'Ta' Wied Mans' covering an area of 1400s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	¼ indiviz ta' porzjon art msejha 'Tad-Debba' tal-kejl ta' 1140m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	218/04 Gozo
San Lawrenz	*¼ undivided share of a portion of land known as 'Tad-Debba' covering an area of 1140s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Lawrenz	Porzjon art msejha 'Ta' Taht Tanija' tal-kejl ta' 1485m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	219/04 Gozo
San Lawrenz	*Portion of land known as 'Ta' Taht Tanija' covering an area of 1485s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' art msejha 'Tal-Gidi' tal-kejl ta' 570m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	220/04 Gozo
San Lawrenz	*1/5 undivided share of a portion of land known as 'Tal-Gidi' covering an area of 570s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' art msejha 'Ta' Bir-Rix' tal-kejl ta' 384m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	221/04 Gozo
San Lawrenz	*1/5 undivided share of a portion of land known as 'Ta' Bir-Rix' covering an area of 384s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' 1/6 indiviz ta' 1/3 indiviz u 1/5 inidiviz ta' 1/3 indiviz ta' Kamra il-Qawra, id-Dwejra	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	
San Lawrenz	*1/5 undivided share of 1/6 undivided share of 1/3 undivided share and 1/5 undivided share of 1/3 undivided share of Room il-Qawra, id-Dwejra*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
San Lawrenz	1/5 indiviz ta' Porzjon art msejha 'Tal-Hotba' tal-kejl ta' 1100m.k.	Cauchi Anthony u martu Cauchi Margaret	66645G	223/04 Gozo
San Lawrenz	*1/5 undivided share of a Portion of land known as 'Tal-Hotba' covering an area of 1100s.m.*	*Cauchi Anthony and his wife Cauchi Margaret*	*66645G*	
Sannat	Art msejha 'Ta' Xaman' tal-kejl ta' 1060m.k.	Gauci Carmel et	67437G	805/03 Gozo
Sannat	*Land known as 'Ta' Xaman' covering an area of 1060s.m.*	*Gauci Carmel et*	*67437G*	
Sannat	Dar Nru 14 fi Triq il-Kbira tal-kejl ta' 36.5m.k.	Il-Parocca ta' Sannat		813/03 Gozo
Sannat	*House No 14 in Triq il-Kbira covering an area of 36.5s.m.*	*Sannat Parish*		
Sannat	½ indiviz tad-Dar bl-isem 'Eagles Nest' fi Triq il-Falkun	Curmi Lorenza et	12758G	93/04 Gozo
Sannat	*½ undivided share of House known as 'Eagles Nest' in Triq il-Falkun*	*Curmi Lorenza et*	*12758G*	
Xaghra	Art msejha 'Ta' Zbalju' tal-kejl ta' 245m.k.	Borg Joseph		927/03 Gozo
Xaghra	*Land known as 'Ta' Zbalju' covering an area of 245s.m.*	*Borg Joseph*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Xaghra	3/5 indiviz ta' Art msejha 'Ta' Gajdoru' tal-kejl ta' 153m.k.	Azzopardi Maria Dolores et	55457G	928/03 Gozo
Xaghra	*3/5 undivided share of Land known as 'Ta' Gajdoru' covering an area of 153s.m.*	*Azzopardi Maria Dolores et*	*55457G*	
Xaghra	Art msejha 'tat-Triq ta' Marsalforn' tal-kejl ta' 163m.k.	Haber Emanuel et		934/03 Gozo
Xaghra	*Land known as 'tat-Triq ta' Marsalforn covering an area of 163s.m.*	*Haber Emanuel et*		
Xewkija	Art msejha 'Ta' Srieda sive Tal-Gonna' tal-kejl ta' 340m.k.	Spiteri Teresa et	26845G	826/03 Gozo
Xewkija	*Land known as 'Ta' Srieda sive Tal-Gonna' covering an area of 340s.m.*	*Spiteri Teresa et*	*26845G*	
Xewkija	Art msejha 'Tal-Felu' sive 'Ta' Lambert' tal-kejl ta' 1247m.k.	Vella Lino	87050G	858/03 Gozo
Xewkija	*Land known as 'Tal-Felu' sive 'Ta' Lambert' covering an area of 1247s.m.*	*Vella Lino*	*87050G*	
Xewkija	Plot A Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber tal-kejl ta'59.83m.k.	Sciberras John	35322G	918/03 Gozo
Xewkija	*Plot A Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber ocvering an area of 59.83s.m.*	*Sciberras John*	*35322G*	
Xewkija	Plot B Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber tal-kejl ta' 59.83m.k.	Spiteri Carmela		919/03 Gozo
Xewkija	*Plot B Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber covering an area of 59.83s.m.*	*Spiteri Carmela*		
Xewkija	Plots C, D, E u F fi Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber tal-kejl ta' 239.32m.k.	Sciberrras Saviour et	35322G	920/93 Gozo
Xewkija	*Plots C, D, E and F in Triq il-Kavallier Lorenzo Zammit Haber covering an area of 239.32s.m.*	*Sciberras Saviour et*	*35322G*	
Xewkija	Fond 74 Triq San Bert	Bonnici John Philip	44039G	933/03 Gozo
Xewkija	*Premises No 74 Triq San Bert*	*Bonnici John Philip*	*44039G*	
Xewkija	Art msejha 'Ix-Xaghri ta' Logja' tal-kejl ta' 41018m.k.	Gvern ta' Malta		61/04 Gozo
Xewkija	*Land known as 'Ix-Xaghri ta' Logja' covering an area of 41018s.m.*	*Government of Malta*		

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur ta' l-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

Is-6 ta' Frar, 2004 6th February, 2004

Nru. 116

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
30. 01. 04	Lm4.49c0	8c1
02. 02. 04	Lm4.50c9	8c0
03. 02. 04	Lm4.45c4	7c9
04. 02. 04	Lm4.43c4	7c8
05. 02. 04	Lm4.45c8	7c9

Is-6 ta' Frar, 2004

No. 116

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

6th February, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 6

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jipparkjaw, jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Frar 2004, mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Balbi minn kantuniera ma' Simpson sa kantuniera ma' Salib it-Toroq.

Il-vetturi misjuba qed jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Frar, 2004

POLICE NOTICE

No. 6

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the parking, passing and transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Marsa

On Friday, 20th February 2004, from 6.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Balbi from corner with Simpson to corner with Salib it-Toroq.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

6th February, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 7 ta' l-2004

Mogħdija Navigabbli fil-Bajja ta' Wied il-Għajn – Irmiġġ għall-Inġenja tal-Baħar Żgħar

L-Awtorità Marittima ta' Malta tordna li minħabba l-għadd kbir ta' inġenji tal-baħar żgħar irmiġġjati u mollijiet irmiġġjati fin-naħa ta' ġewwa tal-Bajja ta' Wied il-Għajn se ssir mogħdija navigabbli għall-irmiġġji u mollijiet fin-naħa ta' ġewwa tal-Bajja ta' Wied il-Għajn

Il-mogħdija navigabbli, kif murija fil-mappa f'paġna 708, se tkun immarkata b'bagi sofor u magħluqa bil-pożizzjonijiet li ġejjin:-

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 7 of 2004

Fairway at Marsascala Bay – Small Craft Moorings

The Malta Maritime Authority directs that due to the large number of small craft moored in the inner part of Marsascala Bay a fairway is being implemented. Such a fairway would give a safe navigable access to moorings and jetties in the inner part of the bay.

The fairway, as shown on the chart on page 708, will be marked by yellow buoys and bound by the following positions:-

Punt	*Latitude* (T)	Longitude (L)
A	35˚51'.825	34˚33'.710
B	35˚51'.864	14˚33'.752
C	35˚51'.875	14˚33'.876
D	35˚51'.874	14˚33'.911
E	35˚51'.885	14˚33'.986
F	35˚51'.923	14˚34'.089
G	35˚51'.814	14˚33'.706
H	35˚51'.854	14˚33'.754
I	35˚51'.856	14˚33'.757
J	35˚51'.867	14˚33'.876
K	35˚51'.866	14˚33'.911
L	35˚51'.877	14˚33'.988
M	35˚51'.915	14˚34'.094

Skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) u r-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ, id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna li l-inġenji tal-baħar, irmiġġi u rkapti ta' l-art kollha li jiġu ġewwa l-konfini tal-mogħdija navigabbli proposta għandhom jitneħħew mhux aktar tard mill-10 ta' Marzu, 2004.

B'żieda ma' dan kull dgħajsa jew irmiġġ qrib il-mogħdija navigabbli għandhom ikunu rmiġġjati b'mod li jiżguraw li l-mogħdija navigabbli tinżamm ħielsa minn kull xkiel il-ħin kollu fil-kundizzjonijiet differenti tat-temp.

Kull dgħajsa, irmiġġ jew irkaptu ta' l-art li jitħallew fl-inħawi wara d-data msemmija jitneħħew mill-Awtorità a spejjeż u għar-responsabbiltà tas-sid.

L-Awtorità ma tiħux responssabbiltà għal xi ħsara li tista' ssir waqt dan l-eżerċizzju.

Iċ-*Chart* imsemmija tidher fuq paġna 708.

Is-6 ta' Frar, 2004

In terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) and the Berthing Regulations, 1975 the Executive Director (Ports) directs that all craft, moorings and ground tackle falling within the proposed fairway must be removed by not later than 10th March, 2004.


Furthermore any boats or moorings close to the fairway are to lie in a way to ensure that the fairway is kept clear at all times in the different weather conditions.

Any boats, moorings or ground tackle that are left in the area after the mentioned date will be removed by the Authority at the expense and responsibility of the owner.

The Authority will not be liable to any damages that may occur during the removal operation.

Chart referred to is shown on page 708.

6th February, 2004


Marsascala Bay
Not To Scale
A
B
C
D
E
F
G
H
I
J
K
L
M
Fairway

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 6 ta' l-2004

Is-Sikka tal-Merkanti

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 3 ta' 2004 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu illi l-baga ta' fuq din is-sikka msemmija issa nxtelgħet bil-karatteristiċi ta' tpetpit li ġejjin: Tpetpit abjad, tlieta kull għaxar sekondi. Id-dawl iwassal sa mil nawtiku.

Chart effettwata: BA 177, 2537 and 2538.

Is-6 ta' Frar, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 6 of 2004

Mercanti Reef

With reference is made to Notice to Mariners No 3 of 2004 of the Malta Maritime Authority, it is notified that the above-mentioned buoy has now been lit with the following East flashing characteristics: Flashing white, 3 evry 10 seconds. Range of light is 1 Nautical Mile.

Chart affected: BA 177, 2537 and 2538.

6th February, 2004

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2003
Jannar	99.12
Frar	99.60
Marzu	100.36
April	100.40
Mejju	100.73
Ġunju	100.88
Lulju	100.54
Awissu	100.47
Settembru	100.82
Ottubru	101.91
Novembru	101.75
Diċembru	102.38

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Novembru 2003*	*Diċembru 2003*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħut frisk jew iffriżat	86.87	100.97	0.08
Frott frisk jew iffriżat	101.97	108.55	0.10
Patata mhux ipproċessata	130.85	107.56	-0.06

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2003
January	99.12
February	99.60
March	100.36
April	100.40
May	100.73
June	100.88
July	100.54
August	100.47
September	100.82
October	101.91
November	101.75
December	102.38

Items causing most change:–

Items	*November 2003*	*December 2003*	*Effect on Index*
Food			
Fish, fresh or chilled	86.87	100.97	0.08
Fruits, fresh or chilled	101.97	108.55	0.10
Unprocessed potatoes	130.85	107.56	-0.06

Tabakk				**Tobacco**			
Sigaretti	100.00	116.64	0.31	Cigarettes	100.00	116.64	0.31
Trasport u Komunikazzjoni				**Transport and Communication**			
Servizzi tat-trasport bl-ajru	98.32	96.47	-0.09	Air transport services	98.32	96.47	-0.09

Is-6 ta' Frar, 2004

6th February, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn l-iskejjel:

Skola Primarja Ċ Marija Immakulata, Triq Xandru, Bormla
Skola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi, in-Naxxar

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.81c.8 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun terminat xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm provdut fiċ-Ċirkulari MPO 50/96 u fl-Avviż Legali 61/96.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following Schools:

Marija Immakulata Primary School C, Triq Xandru, Cospicua
Giovanni Curmi Higher Secondary School, Naxxar

2. Remuneration will be at a rate of Lm1.81c.8 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in MPO 50/96 and Legal Notice 61/96.

6.Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7.Candidates must:-

(a)be citizens of Malta;

(b) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra;

JEW

(ii) jipprovdu xhieda li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(ċ) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li għandhom it-tagħrif meħtieġ f'dan il-qasam.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(e) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa mir-Reġistru Pubbliku.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li għandhom għarfien tajjeb tal-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 ċ(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

(b) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Government not below the grade of Clerk;

(c) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(d) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(e) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from the Public Registry).

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

9. Eligible applicants who are tested and found to possess good working knowledge in Computing or who are confirmed to be in possession of the required passes of the ECDL Certificate, as indicated in paragraph 7 c(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suibtability for the post of Part-time Clerk.

10. The validity of the final order of merit put up for each School will expire after two years from the publication of the final result.

11. The vacant post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview and the test referred to in 9 above.

12. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2004.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax/telex* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

15. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-6 ta' Frar, 2004

13. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 27th February, 2004.

(b) Applications received from abroad through a fax/telex or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the School by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

15. Late applications will not be considered.

6th February, 2004

MINISTERU TAS-SAĦĦA

Ingaġġ fuq Kuntratt fuq Bażi *Part-Time* fil-Pożizzjonijiet ta' *Trainer in Family Medicine* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ fuq kuntratt fuq bażi *part-time* fil-pożizzjonijiet ta' *Trainer in Family Medicine* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' sena bħala *Trainer in Family Medicine* fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

3. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li taħdem 12-il siegħa fil-ġimgħa fuq bażi *part-time* u jidħlu fis-seħħ il-provvedimenti taċ-Ċirkolari tal-MPO Nru. 82/2003 rigward *vacation leave* jew *sick leave*.

4. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Trainer in Family Medicine* huwa ta' Lm1,800 fis-sena.

MINISTRY OF HEALTH

Engagement on Part-Time Contract Basis in the Positions of Trainer in Family Medicine in the Health Division

The Permanent Secretary, Ministry of Health invites applications for the engagement on part-time contract basis in the positions of Trainer in Family Medicine in the Health Division.

2. The selected candidate will be expected to enter into a one-year contract as Trainer in Family Medicine in the Health Division. Unsatisfactory performance during the contract period will lead to termination of contract.

3. The selected candidate will work on a 12 hour part-time basis and the provisions of MPO Circular 82/2003 regarding paid vacation leave and sick leave will apply.

4. The salary attached to the position of Trainer in Family Medicine is Lm1,800 per annum.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Trainer in Family Medicine* jinkludu:

(a) Tagħlim lill-istudenti tobba tal-familja fil-prattika tagħha stess;

(b) Responsabbiltà għal taħriġ *hands-on* ta' student wieħed u kunsillier ta' mhux aktar minn żewġ studenti oħra f'ħin wieħed;

(ċ) Allokazzjoni ta' ħin dedikat għat-tagħlim ta' studenti fuq bażi individwali bbażat l-aktar fl-ambitu tal-prattika professjonali;

(d) Sehem f'laqgħat formali u informali tal-fakultà, assessjar ta' l-istudenti u informazzjoni lura lill-istess studenti;

(e) Sehem fi programmi kontinwi ta' żvilupp bħala *Trainer;*

6. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu tobba tal-familja li ilhom jipprattikaw fuq bażi *full-time* għal dawn l-aħħar ħames snin;

(ċ) ikollhom evidenza ta' *Continued Medical Education;*

(d) ikollhom ċertifikat ta' *Trainers* fil-*General Practice;*

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Tingħata preferenza lill-applikanti li għandhom il-kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-*General Practice* (e.ż. MRCGP jew kwalifika approvata ekwivalenti) jew esperjenza fit-tagħlim.

8. Il-kandidati magħżula jridu jkunu lesti li jaċċettaw li jadattaw il-prattika tagħhom biex din ikun fil-livelli ddeterminati mill-għaqda awtorizzata, jiġifieri, id-Diviżjoni tas-Saħħa.

9. Il-kandidati magħżula li m'għandhomx iċ-ċertifikat imsemmi f'paragrafu 6(d) hawn fuq ikunu meħtieġa li jattendu

5. The duties of a Trainer in Family Medicine include the following:

(a) Teaching of Family Doctor trainees in his/her own practice;

(b) Responsibility for hands-on training of 1 trainee and act as mentor of up to two other trainees at any one time;

(c) An amount of protected time teaching on a one to one basis but mainly practice based;

(d) Engagement in formal and informal faculty meetings, assessment and feedback to the students;

(e) Participation in ongoing Trainer development programmes.

6. Applicants must be:

(a) citizens of Malta;

(b) family doctors in full-time practice for the last five years;

(c) in possession of documentary evidence of Continued Medical Education;

(d) certified as Trainers in General Practice;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Preference will be given to applicants possessing post-graduate qualifications in General Practice (e.g. MRCGP or an approved equivalent qualification) or with teaching experience.

8. The selected candidates must accept to have their practice conform to such standards as determined by the authorised body, i.e., the Health Division.

9. The selected candidates who are not in possession of the certificate mentioned in para. 6(d) above must undertake

għal programm ta' taħriġ f'Malta kif imfassal mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-pożizzjoni.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP47)* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Marzu 2004.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Frar, 2004

a local training programme as designed by the Health Division.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

11. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Sqaq Harper, Floriana.

14. The prescribed application forms together with a Service and Leave Record Form (GP47) will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta by not later than noon of Friday 5th March 2004.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

6th February, 2004

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Post ta' *Professional Executive (Chemist)*

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-mili ta' post ta' *Professional Executive (Chemist)* mal-Korporazzjoni Enemalta.

2. Il-post ta' *Professional Executive (Chemist)* għandu salarju ta' Lm5,801 fis-sena li jiżdied b'Lm139 kull sena sal-massimu ta' Lm6,635 (Skala 9).

3. In-nomina tkun fuq bażi *whole-time* u tkun suġġetta għal konferma wara li jgħaddu sitt (6) xhur u hija suġġetta wkoll għar-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għall-ieħor fil-Korporazzjoni Enemalta. Il-persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tal-Korporazzjoni.

4. Il-persuna li tintgħażel tkun obbligata li taħdem fuq bażi ta' *shift* meta u kif meħtieġ. B'żieda mas-salarju msemmi f'paragrafu 2 hawn fuq, titħallas *shift allowance* fejn applikabbli.

5. Il-persuna fil-grad ta' *Professional Executive (Chemist)* tkun meħtieġa li taqdi dmirijiet ta' kwistjonijiet ta' natura kemikali fil-Qasam tal-Ġenerazzjoni fit-Taqsima ta' l-Elettriku imma tista' tintalab ukoll sabiex tagħti pariri fuq materji kemikali f'dipartimenti oħra tal-Korporazzjoni.

Trid taqdi dawn id-dmirijiet speċifiċi:-

a) tissorvelja l-kwalità ta' l-ilma u l-għoti ta' dożi kemikali kif meħtieġ,

b) tissorvelja l-kwalità ta' *fuels* li jinġiebu fil-*Power Stations,*

ċ) tanalizza l-*exhaust gases* tal-*Power Station* u tagħti pariri dwar kif tista' titjieb l-effiċjenza u jittaffa l-ħruġ ta' l-istess gassijiet,

d) tikkalibra u tagħmel manutenzjoni normali fuq l-istrumenti fil-laboratorju u f'oqsma marbuta ma' l-analiżi kemikali, u tikkoordina mal-ħaddiema tal-manutenzjoni dwar tiswijiet fejn hemm bżonn,

e) tanalizza skart tossiku jew li jista' jkun tossiku, magħmul mill-*Power Station,*

f) tissorvelja l-proċess tal-klorinazzjoni jew trattamenti oħra kemikali għall-kontroll mikrobijoloġiku ta' l-ilma tal-baħar,

ġ) tispeċifika u tordna kimiċi għall-użu fil-laboratorju u fil-*Power Station,* kif ukoll tikkoordina mas-sezzjoni ta' l-i*stores* dwar il-kwantità ta' dawn il-kimiċi li jkun hemm maħżuna,

ENEMALTA CORPORATION

Post of Professional Executive (Chemist)

Applications are invited for the filling of the post of Professional Executive (Chemist) with Enemalta Corporation.

2. The post of Professional Executive (Chemist) carries an annual salary of Lm5,801 rising by annual increments of Lm139 up to a maximum of Lm6,635 (Scale 9).

3. The appointment will be on a whole-time basis and is subject to confirmation following a probationary period of six (6) months and is subject to the rules and regulations governing from time to time Enemalta Corporation. It involves the liability to transfer according to the exigencies of the Corporation.

4. The appointee will be under obligation to work by a shift system when and as required. In addition to the salary mentioned in paragraph 2 above, a shift allowance will be payable where applicable.

5. The person in the grade of Professional Executive (Chemist) will be required to carry out duties on matters of a chemical nature at the Generation Branch of the Electricity Division but may also be asked to advise on chemical matters in other departments of the Corporation.

Carries out the following specific duties:-

a) monitoring of water quality and chemical dosing as necessary,

b) local monitoring of the quality of fuels delivered to the Power Stations,

c) analysis of power station exhaust gases and advising on methods of improving efficiency and reducing emissions,

d) calibration and normal upkeep of instrumentation in the laboratory and in the field related to chemical analysis, and co-ordination with the maintenance staff on repairs when necessary,

e) analysis of toxic or potentially toxic wastes produced by the power station,

f) monitoring of the Chlorination process or other chemical treatments for the microbiological control of sea water,

g) specification and ordering of chemicals for use in the laboratory and at the Power Station, and co-ordination with the Stores section on the stock position of such chemicals,

ħ) tanalizza d-depożiti li jinġemgħu fil-*boilers* u f'tagħmir ieħor ħalli jiġi ddeterminat x'ikun qed jikkawża ħsara jew tħaddim mhux normali ta' dan it-tagħmir,

i) tikkoordina ma' l-inġiniera inkarigati mill-manutenzjoni dwar it-tindif ta' l-impjant permezz tal-kimiċi,

j) tagħti pariri u tagħmel rapporti dwar materji ambjentali li għandhom x'jaqsmu mat-tniġġiż ta' l-arja u l-ilma, kif ukoll tniġġiż minn skart tossiku,

k) tiżgura l-ħarsien u ż-żamma ta' noti bil-miktub u kotba fl-oqsma kollha marbuta mal-kimiċi. Minn żmien għall-ieħor, tirrevedi proċeduri marbuta ma' l-użu tas-sustanzi kemikali,

l) tikkoordina ma' l-impjegati li jħaddmu impjanti tal-*Power Station* u tagħti struzzjonijiet dwar l-użu ta' kimiċi,

m) tikkoordina ma' sezzjonijiet oħra tal-Korporazzjoni,

n) xogħol ieħor relatat.

6. Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet l-applikanti għandhom:-

a) ikunu ta' karattru morali tajjeb (għandu jiġi ppreżentat ċertifikat tal-Kodotta tal-Pulizija maħruġ matul is-sitt (6) xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet),

b) ikunu ċittadini ta' Malta, jippreżentaw ċertifikat tat-twelid tagħhom u ta' missierhom li juri l-post tat-twelid,

c) jippreżentaw fotokopja tal-Karta ta' l-Identità tagħhom.

7. L-applikanti jridu jkunu gradwati Universitarji (B.Sc fil-Kimika jew ekwivalenti).

8. L-applikanti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar il-kwalifiki u/jew l-esperjenza tagħhom li għandhom ikunu sostnuti b'dokumenti u/jew ċertifikati. Kopja ta' dawn id-dokumenti għandha tinthemeż ma' l-applikazzjoni.

9. L-applikanti jridu joqogħdu għal intervista bil-għan li tiġi stabbilita l-kapaċità tagħhom li jagħmlu x-xogħol relatat ma' dan il-grad.

10. Il-ħatra tkun marbuta mal-kundizzjoni li l-persuna magħżula toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi f'saħħitha biex taqdi d-dmirijiet relatati ma' dan il-grad.

11. Il-persuna magħżula tkun obbligata li taħdem xogħol wara l-ħin normali kif u meta meħtieġ.

h) analysis of deposits on boiler surfaces and elsewhere for the determination of the cause of failure or abnormal operation,

i) co-ordination with maintenance engineers on the chemical cleaning of plant,

j) advising and reporting on environmental matters related to air, water or toxic waste pollution,

k) ensuring safety and the maintenance of safety records and literature in all matters involving chemicals. Reviews chemical handling procedures,

l) co-ordination with operating staff at the Power Station and the issuing of instructions relating to chemical treatment,

m) co-ordination with other sections of the Corporation,

n) other related matters.

6. On the closing date of applications applicants must:-

a) be of good moral character (a Police Certificate of Conduct issued within six (6) months prior to closing date of applications must be produced),

b) be citizens of Malta, producing their and their father's birth certificate showing place of birth,

c) produce a photocopy of their Identity Card.

7. Applicants must be in possession of a University Degree (B.Sc in Chemistry or equivalent).

8. Applicants are to state clearly their qualifications and/or experience which have to be supported by testimonials and/or certificates. A copy of these documents is to be attached to the application.

9. Applicants will be submitted to an interview designed to assess their ability to carry out the work related to the grade.

10. The appointment will be under condition that the selected person will be medically examined to ascertain fitness to perform the work related to the grade.

11. The successful person to the mentioned post will be under obligation to perform extra hours of work as and when required.

12. Min jintgħażel jista' jkun meħtieġ li jmur għal perijodu ta' taħriġ barra l-pajjiż.

13. Ir-riżultat ta' l-intervista jibqa' validu għal perijodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

14. L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Korporazzjoni Enemalta, Moll il-Knisja, il-Marsa, iridu jaslu fl-istess Uffiċċju sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2004.

15. L-applikazzjonijiet li jaslu tard, l-applikazzjonijiet li ma jkunux mimlija sewwa u/jew mingħajr id-dokumenti msemmija f'paragrafu 8, ma jiġux aċċettati.

Permess mill-ETC Nru. 20/2003.

Is-6 ta' Frar, 2004

12. Appointee may be required to proceed abroad for a period of training.

13. The result of the interview will remain valid for a period of twelve (12) calendar months from the date of its publication.

14. Applications, which may be obtained from the Human Resources Section, Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa, are to be submitted to the same office by not later than Friday, 27th February, 2004.

15. Late applications or otherwise applications that are not properly filled and/or without the documents mentioned in paragraph 8, will not be accepted.

ETC Permit No. 20/2003.

6th February, 2004

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Eżami għad-Dħul fil-*Junior Lyceum* mit-Tieni sal-Ħames Klassi, 2004

